**MALTA**

**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. Anna Mallia**

Seduta tal-04 ta' Mejju, 2016.

Talba Numru: 395/2015 AM3

Numru fuq il-Lista: 07

**GO plc – C22334**
**Fra Diego, Marsa, MRS 1501**

**vs**

**Gayton Robin Louis (Passaport Ingliz 459043904) u b'digriet ta' nhar l-04 ta' Marzu, 2016, il-kelmiet " Passaport Ingliz" gew imhassra u sostitwiti bil-kelmiet "Passaport tar-Renju Unit"**
**7 Rembrandt,**
**Triq l-Ikhal,**
**Wied il-Ghajn**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi, ppreżentat fis-26 ta' Mejju, 2015 li permezz tieghu s-Socjeta' attrici talbet il-hlas ta' mitejn u tlieta u hamsin ewro u tmienja u sebghin centezmu (€253.78c) liema ammont huwa dovut in konnessjoni ma' servizzi ta' kommunikazzjoni moghtija mis-Socjeta' attrici lill-konvenut.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat kemm bl-avviz tat-talba kif  wkoll bl-avviz tas-seduta, huwa ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ra x-xhieda permezz tal-affidavit ta' Charmaine Psaila Wiffen in rapprezentanza tas-Socjeta' attrici li kkonfermat bil-gurament li l-ammont ghadu dovut mill-konvenut fl-intier tieghu u d-dokumenti esebiti mal-avviz tat-talba.

Ghaldaqstant, peress li t-talba tas-Socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa t-talba` attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' mitejn u tlieta u hamsin ewro u tmienja u sebghin centezmu (€253.78c) bl-imghax legali kontra l-konvenut  sad-data tal-effettiv pagament.

L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikatur**